



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2012/2103 (INI)**

6.12.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050, futur b'enerġija  
(2012/2103(INI))

Relatur: Olle Schmidt

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni u jenfasizza l-ħtieġa ta' proposti ta' politika konkreti; jemmen li huwa kruċjali li jkun hemm qbil dwar id-direzzjoni tal-politika fuq żmien fit-tul tal-Unjoni, hekk kif jiġu sodisfati l-oġġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, fl-interess tal-prevedibilità għall-industrija u s-soċjetà;
2. Jenfasizza li huwa ta' importanza kruċjali li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha, korretta u sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti, inkluż ix-xogħol ta' regolamentazzjoni previst mit-Tielet Pakkett tas-Suq Intern tal-Enerġija, u regoli ġusti ta' kompetizzjoni għall-impriżi kollha fis-settur enerġetiku li joperaw fit-territorju tal-Unjoni, sabiex sal-2014 jinkiseb suq intern Ewropew integrat u kompetittiv; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) jissorveljaw b'mod aktar strett il-miżuri tal-implimentazzjoni nazzjonali u jiżviluppaw mudelli ġodda ta' negozju;
3. Jenfasizza l-importanza tas-suq intern tal-enerġija, u jissottolinja li jeħtieġ li jsiru sforzi kbar biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-enerġija mingħand pajjiżi terzi u sabiex jiġi żgurat li fl-2050 l-UE tkun aktar awtosuffiċjenti u tipproduċi l-enerġija hija nnifisha; jitlob lill-Istati Membri jimplimentaw il-linji gwida tan-Netzwerk Trans-Ewropew għall-Enerġija u jiżguraw interkonnessjoni u interoperabilità tal-enerġija fil-livell tal-UE;
4. Jemmen li suq intern tal-enerġija tal-UE li jkun miftuħ, trasparenti, integrat, armonizzat u kompetittiv huwa meħtieġ sabiex jinkisbu prezzijiet kompetittivi, sigurtà tal-provvista, sostenibilità u użu effiċjenti u fuq skala kbira ta' enerġija rinnovabbli u ta' enerġija minn sorsi mhux konvenzjonali, u li t-tlestija ta' tali suq għadha sfida importanti għall-Istati Membri kollha; jilqa' l-liberalizzazzjoni tas-suq intern tal-enerġija bħala pass meħtieġ biex jitnaqqas il-prezz tal-elettriku u tal-gass għall-konsumaturi filwaqt li jiġi żgurat li s-swieq tal-enerġija jsiru aktar trasparenti u jiġu mmoniterjati aħjar biex b'hekk ikunu jistgħu jifasslu prezzijiet kompetittivi u, mill-perspettiva tal-konsumatur, prezzijiet ġusti; għal dan il-fini, iqis li huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jaħdmu b'mod effettiv u jiġu kkoordinati fuq livell Ewropew;
5. Jemmen li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju u effiċjenti mil-lat ta' użu tal-enerġija, hija opportunità mhux biss għas-sostenibilità iżda wkoll għas-sigurtà tal-provvista u l-kompetittività fl-Ewropa, u li t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jista' jkun ta' vantaġġ kompetittiv fis-suq globali li qed jikber għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-enerġija; jenfasizza li din hija opportunità għall-SMEs Ewropej li joperaw fis-suq tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li tagħti spinta eċċellenti lill-iżvilupp tal-intraprenditorija u tal-innovazzjoni u, possibilment, tipprovdi sors ewlieni għall-ħolqien tal-impjiegi;
6. Jenfasizza li l-effiċjenza enerġetika hija mod kosteffikaċi ħafna għall-Ewropa sabiex tilħaq l-oġġettivi tagħha dwar l-enerġija, it-tibdil fil-klima u dawk ekonomiċi; ifakkar il-

potenzjal enormi tal-effiċjenza enerġetika sabiex tiġi limitata d-dipendenza tagħna fuq l-enerġija impurtata u sabiex tingħata spinta għida lill-ekonomija; jirrikonoxxi li l-qalba lejn ekonomija iżjed effiċjenti mil-lat tal-enerġija tista' tħaffef it-tifrix ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi u ttejjeb il-kompetittività tal-industrija fl-Unjoni, billi ttejjeb it-tkabbir ekonomiku u toħloq impjegi ta' kwalità għolja f'ħafna setturi relatati mal-effiċjenza enerġetika;

7. Jinnota l-bżonn li jiġu sostenuti l-produtturi deċentralizzati fuq skala żgħira tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali, sabiex jingħataw l-għajnuna biex jintegraw fil-grid, u jqis li l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom ikomplu jgawdu minn aċċess simplifikat għall-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) fir-rigward ta' enerġija sostenibbli;
8. Jinnota li s-sistema attwali għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli hija ekonomikament ineffiċjenti minħabba l-ħafna programmi differenti fl-Istati Membri kollha; jappella għal qafas ta' politika ċara fil-livell tal-Unjoni sabiex jitrawmu strateġikament investimenti ekonomikament effiċjenti fl-enerġija b'użu baxx tal-karbonju fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni;
9. Isostni li l-għażla tat-taħlita ta' enerġija, għalkemm hija kwistjoni li taqa' f'idejn l-Istati Membri individwali, għandha tippermetti l-ilħuq tal-għanijiet komuni u, fejn xieraq, tkun is-suġġett ta' approċċ Ewropew ikkoordinat, peress li inkella l-objettivi proposti jistgħu ma jintlaħqux, speċjalment fir-rigward ta' sforzi biex jiġu kkombinati s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli; jirrimarka li huwa impossibbli li wieħed jipprevedi l-bżonnijiet ta' investment approssimattivi f'termini ta' infrastruttura tal-enerġija mingħajr stima tat-taħlita enerġetika probabbli fl-2030;
10. Jenfasizza r-rwol tal-enerġija biex jistimula t-tkabbir u l-kompetittività fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġiji għal wara l-2020 u tippreżenta qafas ta' politika għall-2030 fir-rigward ta' politika enerġetika Ewropea b'objettiv uniku ta' tnaqqis tal-gass serra li jkun kompatibbli mal-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE għall-2050 u sostnut minn valutazzjoni tal-impatt; ihegġegħ lill-Istati Membri jżidu l-isforzi attwali tagħhom biex jilħqu l-objettivi 2020 attwali fil-qasam tal-politika enerġetika tal-UE;
11. Iqis li huwa vitali li l-attenzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tkun iffukata fuq l-investimenti fl-infrastruttura biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u l-modernizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija, filwaqt li jitqies li l-aktar mod effettiv biex dawn l-investimenti jithegġgu fuq żmien fit-tul hu li jingħaqqu ma' miżuri speċifiċi regolatorji u fiskali u mal-politiki pubbliċi nazzjonali meħtieġa;
12. Jirrimarka li l-impatt tal-qbid, trasport u ħżin tal-karbonju (CCS) għadu mhux ċar; jieħu nota tar-rapport 'World Energy Outlook 2012' tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija (AIE), li jenfasizza r-rwol tas-CCS f'ċerti xenarji tal-politika; jirrikonoxxi li hemm tħassib fost il-pubbliku fir-rigward ta' din it-teknoloġija, u jistieden lill-Kummissjoni tfassal rapport ta' nofs iż-żmien li jivvaluta r-riżultati miksuba mill-użu ta' proġetti ta' dimostrazzjoni sussidjati mill-UE għall-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam;
13. Jenfasizza r-rwol tal-grids intelliġenti fil-komunikazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet bejn il-produtturi tal-elettriku u l-konsumaturi, u jirrimarka li l-grids intelliġenti jistgħu

jippermettu lill-konsumaturi josservaw u jadattaw l-użu tagħhom tal-elettriku; jirrimarka li programmi b'saħħithom għall-protezzjoni tad-data personali u għall-edukazzjoni tal-konsumatur, bħal kampanji ta' informazzjoni fl-iskejjel u fl-universitajiet, huma essenzjali sabiex il-miters intelliġenti jkollhom impatt reali; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti tkun disponibbli għall-konsumaturi u li l-atturi rilevanti kollha, bħal bennejja, periti, u fornituri ta' tagħmir ta' tisħin, tkessiġ u ta' tagħmir tal-elettriku, għandhom jiksibu informazzjoni aġġornata u jqabblu l-prezzijiet u s-servizzi u, abbażi ta' dan, jagħżlu l-fornitur tal-enerġija l-aktar xieraq għall-iskopijiet tagħhom;

14. Jemmen li jeħtieġ li r-rwol tat-teknoloġiji tal-informatika u tal-komunikazzjoni (ICT) jiġi promoss u li għandu jkun hemm impenn sod Ewropew għall-innovazzjoni u r-riċerka, peress li l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi se jgħin biex tittejjeb is-sikurezza u jiġi attirat l-investment;
15. Jiġbed l-attenzjoni għall-Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa, li tirrikonoxxi l-kontribut potenzjali tal-enerġija nukleari fl-oqsma tal-kompetittività, kosteffiċjenza, tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u s-sigurtà tal-provvista; jirrimarka li t-teknoloġiji tal-enerġija nukleari għandhom il-potenzjal li jilħqu l-oġġettivi tal-enerġija u tal-klima kemm fiż-żmien qarib kif ukoll fit-tul, sakemm ir-riżorsi tas-sikurezza applikabbli għall-operazzjoni tagħhom ikunu ġew kompletament issodisfatti, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-proġetti;
16. Jagħraf li strumenti bħat-taxxi fuq l-enerġija, it-taxxi fuq il-karbonju u l-iskemi tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet huma fatturi ta' qofol biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod kosteffiċjenti, iżda jqis li fl-aħħar mill-aħħar, minħabba l-prezzijiet għoljin għall-enerġija, dawn se jkun piż fuq il-konsumatur;
17. Jenfasizza l-importanza li jitnaqqas il-konsum totali tal-enerġija, u li tiżdied l-effiċjenza tal-enerġija, fis-settur tat-trasport, inkluż permess tal-ippjanar tat-trasport u l-appoġġ lit-trasport pubbliku fil-livell tal-Istati Membri; jisħaq ukoll li l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli taħt il-programm tan-Netwerk Trans-Ewropew għat-trasport u għall-enerġija (TEN-T u TEN-E) għandhom jiġi appoġġati;
18. Jenfasizza li r-rwol tal-oġġettivi nazzjonali għall-enerġija mill-bijofjuwils u għal fjuwils rinnovabbli oħra għat-trasport, peress li huma essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni; jirrimarka li dawn l-oġġettivi jipprovdu ċertezza għall-investituri u jħeġġu l-iżvilupp ta' riżorsi rinnovabbli; jenfasizza, madankollu, l-importanza li jitħeġġeġ l-użu tal-bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni li jiġu prodotti mill-iskart, minn residwi, u minn materjali ċellulosi oħrajn mhux tal-ikel;
19. Jemmen li l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jstabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni dwar enerġija rinnovabbli u jieħdu miżuri biex iqajmu l-kuxjenza pubblika tal-benefiċċji tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli;
20. Iqis li għandu jiġi ċċarat x'jista' jitwettaq permezz tal-politika dwar l-enerġija u l-politika soċjali, rispettivament; jirrimarka li x-xenarji kkontrollati li tressqu mill-Kummissjoni jissuġġerixxu li l-ispiża tal-enerġija u tat-trasport se tiżdied u se tirrappreżenta parti dejjem tikber tal-infiq imġarrab mill-konsumaturi u l-SMEs; jemmen li l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw miżuri biex jiżguraw enerġija bi prezz li jintlaħaq, aċċessibbli u

disponibbli għaċ-ċittadini kollha, speċjalment għal dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà;

21. Iqis li l-edukazzjoni fl-enerġija bħala l-muftieħ għall-imġiba li qed tinbidel u s-sinsla ta' mudell ġdid għal żvilupp sostenibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni talloka r-riżorsi meħtieġa għall-edukazzjoni tal-enerġija fil-qafas finanzjarju pluriennali;
22. Isostni li l-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, għandhom perjodikament iwettqu kampanji dwar "l-edukazzjoni fl-enerġija" fil-midja Ewropea, nazzjonali, reġjonali, u lokali, inklużi kampanji interattiva, sabiex informazzjoni ċara u komprensibbli tkun aċċessibbli għaċ-ċittadini, in-negozji, u għall-assoċjazzjonijiet tal-industrija kollha; jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa ta' kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn l-iskejjel u l-universitajiet biex ġenerazzjonijiet aktar żgħażaġh ikunu involuti fil-bidla kulturali;
23. Jirrikonoxxi l-impenn tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra bi 80-95 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2050; jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni urġenti fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali, internazzjonali, u globali sabiex jiġi indirizzat b'mod adegwat il-kompitu li ż-żieda fit-temperatura medja globali ta' wiċċ id-dinja tkun limitata għal inqas minn 2 gradi Celsius, sabiex jiġi evitat li jkun hemm iżjed tiddil perikoluż fil-klima;
24. Jemmen li l-kriżi finanzjarja għandha tintuża bħala opportunità sabiex nittrasformaw il-mudell ta' żvilupp tagħna tas-soċjetà lejn ekonomija b'livell għoli ta' effiċjenza enerġetika, ibbażata kompletament fuq l-enerġija rinnovabbli u reżiljenti għall-klima; jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tressaq proposti għal pakkett tal-enerġija u l-klima għall-2030 imsejjes fuq it-tliet pilastri attwali; jiġifieri t-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra, il-promozzjoni tal-enerġiji rinovabbli u ż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija;
25. Jenfasizza li, sabiex it-trasformazzjoni tas-sistema enerġetika ssir realtà, għandha tingħata aktar attenzjoni lill-użu tal-enerġija; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità ikbar lill-ġestjoni tan-naħa tad-domanda sabiex jiġi żgurat li l-utent finali juża teknoloġiji u sistemi li jiksbu t-tranżizzjoni tas-sistema tal-enerġija bi spiża baxxa u sostenibbli għas-soċjetà;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal ġabra komprensiva ta' prijoritajiet għall-politika enerġetika fuq perjodu qasir, medju u twil, li l-UE għandha tħaddem fir-relazzjonijiet tagħha mal-ġirien tagħha, bil-ħsieb li jiġi stabbilit spazju ġuridiku komuni bbażat fuq il-prinċipji tal-acquis u fuq l-istandards tas-suq enerġetiku intern;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.11.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 33 -: 4 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pablo Arias Echeverría, Cristian Silviu Buşoi, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, Cornelis de Jong, Vicente Miguel Garcés Ramón, Thomas Händel, Malcolm Harbour, Sandra Kalniete, Edvard Kožušník, Toine Manders, Franz Obermayr, Sirpa Pietikäinen, Phil Prendergast, Mitro Repo, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Gino Trematerra, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Baldassarre, Regina Bastos, Jürgen Creutzmann, Ashley Fox, Marielle Gallo, María Irigoyen Pérez, Morten Løkkegaard, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Marc Tarabella, Patricia van der Kammen, Kerstin Westphal